**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Id-disa' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 21/2125

**Laqgħa Numru 21**

19 ta' Awissu, 2125

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, Tlieta, 19 ta' Awissu 2125 fl-5:00 ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Marco Agius | - Sindku |
| Noyah Spiteri Hammett | - Viċi Sindku |
| Martin Vella | - Kunsillier |
| Rita Gatt | - Kunsilliera |
| Glauber Spiteri | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Crystal Degabriele –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Marco Agius ippresjeda din is-seduta Nru 21 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **21.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| **21.01.01** | NIL |
| **21.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 19.02.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet il-minuti tas-seduta numru 20/2125 għad-disa' leġislatura permezz ta' email lis-Sindku, Viċi Sindku u lill-Kunsilliera kollha.<br><br>Approvazzjoni tal-Minuti:<br><br>Il-Viċi Sindku Noyah Spiteri Hammet approvat l-minuti tas-seduta numru 20/2125, u l-kunsillier Glauber Spiteri issekonda. |
| **21.03.** | **Korrispondenza** |
| 21.03.01 | Is-Sindku beda billi informa lill-kunsilliera dwar il-lista tal-parkeġġi rriservati għall-kunsilliera. Jekk għandhom xi mistoqsijiet, għandhom jikkuntattjaw lis-Segretarju Eżekuttiv, sabiex talkellem ma' Transport Malta. |
| 21.03.02 | Is-Sindku stieden lill-Kunsillier Martin Vella sabiex jinforma dwar l-attività li ser issir fil-European Week of Sport. Huwa qal li ser jorganizza logħba tal-boċċi bejn klabbs, fejn probabbilment se ssir fil-Cospicua Rangers. Huwa wkoll tkellem mal-President ta' St George's FC sabiex jiġi organizzat logħob għan-nursery ġewwa Peppi Delceppo. Din ser issir nhar is-Sibt, 4 ta' Ottubru. |

| | |
|---|---|
| 21.03.03 | Is-Sindku reġa' stieden lill-Kunsillier Martin Vella sabiex jaqra ittra li kienet intbagħtet lis-Segretarju Eżekuttiv:<br><br>"Nixtieq niġbed l-attenzjoni fuq l-aperturi tal-Kunsill.<br>Minkejja li fil-Kunsill kien hemm qbil sabiex l-aperturi (it-twieqi) tal-faċċata jibqgħu miftuħin, qed jiġi nnutat li ċertu twieqi partikolari qed jinżammu magħluqa, kif jidher fir-ritratt anness.<br>Fil-fehma tiegħi dan m'għandux jiġi tollerat aktar, speċjalment meta l-Kunsill installa Zebra Blinds apposta sabiex it-twieqi jkunu jistgħu jibqgħu miftuħin waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju.<br>Għalhekk qed nitolbok sabiex tintervjeni f'din is-sitwazzjoni, bħalma dejjem għamilt f'kull ċirkostanza.<br>Grazzi ħafna tal-attenzjoni li ser tingħata lil din l-email."<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv fehmet il-punt mqajjem mill-Kunsillier Martin Vella u spjegat li l-blinds ġew installati apposta sabiex l-aperturi jkunu jistgħu jinżammu miftuħin. Hija wkoll irrimarkat li waħda mit-twieqi hija diffiċli biex tinfetaħ, u għalhekk ser jinstab mod sabiex din tkun tista' tinfetaħ b'mod aktar faċli.<br><br>Il-Kunsilliera kollha qablu li l-aperturi għandhom jinżammu miftuħin waqt il-ħinijiet tal-ftuħ tal-Kunsill. |
| 21.03.04 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali qed jikkunsidra kollaborazzjoni ma' l-Awtorità għall-Użu Responsabbli tal-Kannabis (ARUC), bil-għan li tiżdied l-għarfien pubbliku dwar il-qafas legali li jirregola l-użu tal-kannabis f'Malta.<br>Bħala parti minn din l-inizjattiva, qed jiġi kkunsidrat li jitqiegħdu tabelli informattivi f'postijiet pubbliċi sabiex tfakkar li l-konsum tal-kannabis |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | f'postijiet pubbliċi għadu strettament ipprojbit taħt il-liġi attwali. Dawn is-sinjali jkunu mfassla biex juru b'mod ċar u viżibbli dan il-messaġġ, kemm għar-residenti kif ukoll għall-viżitaturi, filwaqt li jappoġġjaw l-isforzi ta' infurzar fil-lokalitajiet.<br>Il-Kunsilliera ma qablux mal-proposta li jitqiegħdu tabelli informattivi f'postijiet pubbliċi. Huma esprimew it-tħassib li, jekk it-tabelli jitpoġġew biss f'ċerti żoni, dan jista' jinftiehem ħażin mill-pubbliku bħala li l-konsum tal-kannabis huwa permess f'postijiet fejn ma jkunx hemm tabelli. Skont il-Kunsilliera, dan jista' jwassal għal interpretazzjoni żbaljata tal-liġi u b'hekk iħeġġeġ aktar konsum f'żoni pubbliċi fejn ma jkun hemm l-ebda sinjal. Għaldaqstant, il-Kunsilliera ma esprimewx interess li jipparteċipaw f'din l-inizjattiva. |
| 21.03.05 | Il-Kunsill irċieva email mingħand is-Sur Alan Falzon, fejn staqsa jekk hux possibbli li jiġi allokat spazju ta' parkeġġ 'Blue Badge' għall-komunità, viċin iċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Bormla. Huwa sostna li, skont l-għarfien tiegħu, din hija l-unika klinika fejn l-ispazji 'Blue Badge' huma kollha personalizzati għal persuni b'permess individwali.<br>Il-Kunsilliera iddiskutew is-suġġeriment u qablu li, hekk kif isir l-eżerċizzju ta' reviżjoni u evalwazzjoni tal-parkeġġi 'Blue Badge' fil-lokalità, dan il-punt jiġi diskuss mill-ġdid sabiex jiġi evitat li triq kolla quddiem il-klinika jiġi okkupat b'spazji riservati, u b'hekk jinkoraġġixxu bilanċ ġust fl-użu tal-ispazji pubbliċi. |
| 21.03.06 | Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat performance appraisals tal-impjegati tal-Kunsill. Il-Kunsilliera kollha qasmu l-fehma tagħhom u qablu mar-riżultati ppreżentati. |

| **21.04** | **Kommunikazzjoni mis-sindku** |
|---|---|
| 21.04.01 | Diskussjoni dwar il-Federazzjoni tal-Boċċi ta’ Malta<br><br>Is-Sindku informa lil-kunsilliera dwar diskussjoni mas-Sur Orsini, li qed jieħu ħsieb il-Kunsill tal-Federazzjoni tal-Boċċi ta’ Malta. Is-Sur Orsini talab permess sabiex jikri żona viċin il-magni tal-BCRS. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li tapplika għall-devoluzzjoni ta’ din iż-żona sabiex imbagħad ikun jista’ jiġi evalwat jekk hemmx il-possibbiltà li tiġi mikrija lill-Federazzjoni. |
| 21.04.02 | Is-Sindku Marco Agius informa lill-Kunsilliera li Charlene Grech, residenta minn Bormla, talbet laqgħa miegħu fejn esprimiet ix-xewqa li tagħmel kollaborazzjoni mal-Kunsill sabiex l-attività tagħha tkun aktar b’saħħitha. Hija talbet kwalunkwe forma ta’ għajnuna disponibbli.<br>Il-Kunsilliera esprimew li ma jaqblux li tintuża l-arma uffiċjali tal-Kunsill f’din l-attività, iżda qablu li jingħata appoġġ fejn jidħlu permessi meħtieġa, u possibbilment li jiġi provdut trasport tal-Kunsill mingħajr ħlas.<br>Ser isir kuntatt mill-ġdid ma’ Charlene Grech sabiex tippreżenta proposta uffiċjali tal-attività tagħha għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill. |
| 21.04.03 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li rċieva email mingħand Katja Levato, operatur tar-ristorant Mykonos ġewwa Bormla, fejn talbet li tingħata permess sabiex il-fornituri (suppliers) tagħha jkunu jistgħu jidħlu fiż-żona pedonali għall-finijiet ta’ loading u unloading.<br>Katja Levato talbet aċċess mit-Tnejn sal-Ħadd, bejn is-7:00 a.m. u s-2:00 p.m., limitat biss għal żona ta’ loading u unloading. Madankollu, din it-talba ma ġietx approvata mill-Kunsill permezz ta’ email. Għalhekk, is-Sindku talab li jsir meeting magħha sabiex jifhem aħjar is-sitwazzjoni, u informa lill-operatur li se jkun qiegħed jiddiskuti l-kwistjoni mal-Kunsilliera biex jinstab qbil fuq il-ġranet u l-ħinijiet xierqa. |

| | |
|---|---|
| | Wara diskussjoni interna, il-Kunsilliera qablu li jingħata permess għall-aċċess bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa, bejn is-7:00 a.m. u nofsinhar (12:00 p.m.) biss. |
| 21.04.04 | Is-Sindku, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, kellhom laqgħa ma' Sur Fabian Borg (Direttur ta' Ahead Institute and Foundation for Societal Advancement), fejn ġew infurmati dwar il-possibbiltà li l-Kunsill japplika għal fondi mill-Unjoni Ewropea. L-iskop ta' dawn il-fondi hu li jsir studju fil-lokalità ta' Bormla sabiex tiġi evalwata l-kwalità tal-arja u l-impatt fuq is-saħħa u l-binjiet tal-lokal, permezz ta' apparat li jkun installat fuq il-binjiet. Id-data u r-riżultati li jinġabru mill-istudju jistgħu jservu bħala bażi biex il-Kunsill jikseb aktar fondi għal proġetti relatati mal-ambjent u s-saħħa pubblika. Il-Kunsilliera qablu li għandna napplikaw għal dawn il-fondi Ewropej, li joffru opportunità minnha l-Kunsill jista' jibbenefika. |
| 21.04.05 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li TVM talab laqgħa miegħu fejn infurmawh li se terġa' ssir l-edizzjoni tal-programm "Bongu Malta", li se tiġi organizzata f'kull lokalità. Is-Sindku proposta li l-edizzjoni għal Bormla ssir fil-16 ta' Novembru (għal Jum bormla). TVM talab lista ta' talenti residenti/għaqdiet f'Bormla sabiex jingħataw opportunità jipparteċipaw u jidħlu f'dan il-programm. |
| 21.4.06 | Is-Sindku infurma lill-Kunsilliera bid-dati tal-laqgħat tal-Kunsill Tfal li ser isiru:<br><br>Ħamis, 18 ta' Settembru – Noyah Spiteri Hammet<br><br>Erbgħa, 8 ta' Ottubru – Glauber Spiteri<br><br>Erbgħa, 5 ta' Novembru – Rita Gatt<br><br>Tlieta, 9 ta' Diċembru |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | Il-laqgħat se jkunu bejn l-4:30 p.m. u l-5:30 p.m. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera sabiex jikkonfermaw jekk xi ħadd minnhom jista' jattendi għal kull sessjoni.<br><br>Il-Kunsilliera sabu li d-dati kollha huma possibbli għalihom, iżda saqsu jekk laqgħa t'Diċembru tista' tiġi mwettqa f'd data oħra minħabba li hi ġurnata wara l-festa ta' Bormla.<br><br>Is-Sindku Marco Agius u l-Kunsillier Martin Vella esprimew li, jekk ikun hemm xi problema u xi ħadd mill-oħrajn ma jkunx jista' jattendi laqgħat, huma jkunu lesti li jieħdu posthom u jattendu.<br><br>Is-Sindku Marco Agius żied li se jipprova jattendi għal kull laqgħa. |
| 21.4.07 | Is-Sindku Marco Agius qal li propjetarju ta' Seamen's Bar ġewwa Bormla, staqsa jekk jista' jagħmel attività ġewwa l-bar tiegħu nhar il-27 ta' Settembru. Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera għal fehma dwar dan, peress li dik id-data tikkoinċidi mas-Short Play Festival.<br><br>Il-Kunsilliera ddeċidew li dawk il-ġranet għandhom jibqgħu vojta sabiex ma jkunx hemm problema ikbar ta' parkeġġ. |
| 21.04.08 | Is-Sindku Marco Agius esprima r-ringrazzjament tiegħu pubblikament lil John Portelli, Manager tal-Cruise Port f'Ruma, u lil Daniel Azzopardi, l-Ambaxxatur li laqa' lid-delegazzjoni f'Civitavecchia. Huwa rringrazzja wkoll lis-Sindku ta' Civitavecchia kif ukoll lill-Kunsill ta' Kerċem għall-mod kif laqgħu lill-Kunsill ta' Bormla.<br><br>Is-Sindku informa li l-ġemellaġġ mal-Kunsill ta' Kerċem se jsir waqt Jum Bormla, fil-19 ta' Novembru, filwaqt li l-ġemellaġġ ma' Civitavecchia huwa ppjanat għall-aħħar ġimgħa ta' Ottubru jew il-bidu ta' Novembru. |

| | |
|---|---|
| 21.04. | Is-Sindku informa dwar il-proposta biex jingħata allowance ta' €100 fix-xahar lil wahda mil-haddiem/a.<br><br>Is-Sindku rrimarka li dan l-allowance għandu jitqies bħala rikonoxximent ġust għall-impenn u s-sforz ta' ħidma favur il-Kunsill.<br><br>Il-Kunsilliera qablu unanimament li jibda jingħata allowance ta' €100 fix-xahar, li jibda jiġi effettwat mix-xahar li ġej. |
| **21.05** | **Twegibiet ghall-mistoqsiiet mil- kunsilliera** |
| 21.05.01 | Il-Viċi Sindku Noyah Spiteri Hammet talbet jekk hux possibbli li titpoġġa Cat Café fit-triq tal-Oratorju, fil-pjazzetta żgħira.<br><br>Is-Sindku ma sab l-ebda problema ma' din il-proposta u qal li nistgħu mexxu wahda mil-Cat Café li hemm fis-suq ta' Bormla. |
| 21.05.02 | Il-Kunsillier Glauber Spiteri ssaqsi jekk hux possibbli li nitolbu lill-Cleansing Department sabiex jgħinna norganizzaw l-attività tal-Halloween.<br><br>Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera ma sabu l-ebda problema ma' din it-talba. |
| 21.05.03 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa jekk hemmx xi aġġornament rigward il-mina bejn Bormla u Fgura.<br>Is-Sindku Marco Agius informa li se jipprovdi aġġornament dwar is-suġġett fil-ġimgħa li ġejja. |
| 21.04.04 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa jekk hux possibbli li l-pjanta li li tinsab fit-Triq il-Kunċizzjoni.titpoġġa targa il-fuq.<br><br>Is-Sindku ma sab l-ebda oġġezzjoni għal din il-proposta. |

| | |
|---|---|
| 21.04.05 | Il-Vici Sindku Noyah Spiteri Hammet talbet jekk kienx hemm xi risposta dwar il-mental health clinic li suppost kien gej child care centre. Is-segretarju ezekkutiv infurmatom li ser terga tibatilom l-email li riciviet minghandom. |
| 21.04.06 | Il-Viċi Sindku Noyah Spiteri Hammet staqsiet dwar il-ħtieġa ta’ kennies fi Triq Hanover u Triq l-Irlandiżi.<br>Is-Sindku informa li ser ikun qiegħed jikkuntattja lill-Contracts Manager sabiex jiddiskuti din it-talba. |
| **21.05** | **Approvazzjoni ta’skedi ta’ hlasijiet** |
| 21.05.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet email bl-iskeda numru 8 għad-9 leġislatura u l-petty cash ta' Lulju 2025.<br><br>Il-Kunsillier Glauber Spiteri approva l-iskeda numru 8 għad-9 leġislatura, waqt li l-Kunsilliera Rita Gatt issekonda.<br><br>Kif ukoll, l-vici Sindku Noyah Spiteri Hammet approvat l-petty cash ta' Lulju, waqt li l-kunsilliera Rita Gatt isskondat. |
| **21.6** | **Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 21.06.01 | Is-Seduta ġiet mtemmija fis-18:45 ta’ filgħaxija u ġiet aġġornata għat Tlieta 23 ta’ Settembru 5:00 ta’ filgħaxija. |

Konfermati, illum ________________

______________ ______________________

**Marco Agius**
Sindku

**Crystal Degabriele**
Segretarju Eżekuttiv

*2A, ‘The Rest’, St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*